**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - *President***
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Rita armla minn Espedito Coleiro

*versus*

Joseph G. Coleiro *et noe*

**Self - Kapital - Imgħax - Artikoli 1078, 1141 tal-Kodiċi Ċivili - Interpellazzjoni - Morożità**

*L-attriċi bħala eredi ta' żewġha aġixxiet għall-ħlas lura ta' kapital u imgħax li żewġha kien silef lis-soċjetà konvenuta. Il-Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża billi ddikjarat li fuq il-kreditu rreklamat mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni m'għandhomx jgħaddu imgħaxijiet.*

*Ir-regola tad-Dritt Ċivili illi fis-self mhux dovut imgħax kemm-il darba ma jkunx miftiehem hi applikabbli anke għal self kummerċjali. Meta l-imgħax mhux miftiehem, dan jibda jiddekorri minn meta l-kreditur jinterpella d-debitur għall-ħlas, dan sakemm ma jkunx jirriżultaw ċirkostanzi li jiddeterminaw il-ġurnata li fiha l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita u allura d-debitur ikun in mora.*

*Fil-każ in eżami, il-ftehim ma stabbilixxa l-ebda żmien li fih il-kreditur kellu jiġi mħallas lura. Kien inerenti f'dak il-ftehim li s-soċjetà setgħet tibqa' f'ċerti determinati ċirkostanzi tużufruwixxi mil-*loan account *sakemm il-mutwant jibqa' soċju. Dan ifisser illi dak li qabel kien azzjonista seta' jesiġi, jekk ried, il-ħlas lura meta ma jibqax soċju. Azzjoni fakoltattiva in kwantu l-ftehim ma kien jipprovdi għal ebda terminu meta kellu jsir il-ħlas lura. Jekk fil-*

*ftehim ma jkunx ġie stabbilit ebda żmien biex tiġi sodisfatta l-obbligazzjoni, id-debitur ma jiġix imqiegħed in mora ħlief wara li jiġi msejjaħ b'att ġudizzjarju.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi għandu jibda jiddekorri l-imgħax fuq is-somma ta' self li l-istess soċjetà konvenuta rrikonoxxiet li kien dovut lill-attriċi tant illi l-kapital ġie minnha mħallas. Dan l-imgħax hu dovut minn dik id-data sad-data meta fil-mori ta' din il-kawża tħallas il-bilanċ tas-self dovut lill-attriċi skond l-iskrittura ta' l-1947 fuq ċitata.*

Il-Qorti:-

L-attriċi pproċediet quddiem l-allura Qorti tal-Kummerċ b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"L-attriċi ppremettiet li Espedito Coleiro kien kreditur tas-soċjetà konvenuta fl-ammont bilanċjali ta' tnax-il elf, tliet mija, ħamsa u sebgħin lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm12,375.78) lilu dovut fuq kont kurrenti li hu kellu ma' l-istess soċjetà u dan kif jidher mill-anness *statement* immarkat dokument A;

Li l-istess Espedito Coleiro kien miet u ħalla bħala unika werrieta tiegħu ta' ġidu kollu lilha;

Li, nonostante diversi wegħdiet da parti tas-soċjetà konvenuta li ser jiġi lilha rifuż l-ammont kollu dovut, dina baqgħet ma ħallsitx dan l-ammont bilanċjali;

Li anke wara li hija nterpellat lis-soċjetà konvenuta uffiċjalment biex tħallas 'il fuq imsemmi ammont, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti;

Li dan l-ammont hu dovut lilha apparti ammonti oħra dovuti għar-redenzjoni ta' ishma fl-istess kumpannija;

Talbet li l-istess konvenuti *nomine* jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu minn dina l-Qorti kkundannati:

Iħallsuha s-somma ta' tnax-il elf, tliet mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmu (Lm12,375.78) bilanċ minn somma akbar dovuta fuq kont kurrent mas-soċjetà li dina kellha mas-soċjetà konvenuta flimkien ma' l-imgħax kummerċjali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv";

Il-konvenuti *nomine* hekk eċċepew:

"Illi filwaqt li l-eċċipjenti *nomine* jirriservaw id-dritt li jagħtu eċċezzjonijiet ulterjuri meta huma jkunu in pussess tad-dokumenti esebiti mill-attriċi, li kopja tagħhom ma ġietx notifikata lilhom, l-eċċipjenti jissottomettu illi filwaqt li huwa minnu illi għad hemm xi ammont dovut mis-soċjetà konvenuta lill-eredi tal-mejjet Espedito Coleiro, l-istess eredi huma debituri tas-soċjetà fis-somma ta' Lm10,174.11,0 u li, għalhekk, wara li ssir il-verifika ta' l-ammont pretiż mill-attriċi għandha ssir tpaċija bejn dawn l-ammonti u l-bilanċ riżultanti minn parti lill-oħra jitħallas";

Mill-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Jannar, 1995, jirriżulta li d-difensuri ddikjara illi l-partijiet jaqblu li l-unika kwistjoni mill-meritu ta' din il-kawża li għad trid tiġi definita bejniethom hija jekk iddekorrewx l-imgħax fuq il-kreditu pretiż mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni u, fil-każ affermattiv, id-data minn meta bdew jiddekorru l-istess imgħax u r-rata tagħhom u, għalhekk, talbu lill-Qorti tagħti sentenza biex tiddefinixxi din il-vertenza biex il-kawża mbagħad tkun tista' tiġi ċeduta";

B'sentenza tat-12 ta' Mejju, 1995, il-Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża billi ddikjarat li fuq il-kreditu rreklamat mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni m'għandhomx jgħaddu imgħaxijiet. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż tal-ġudizzju kellhom jitħallsu kwantu għal nofs mill-attriċi u n-nofs l-ieħor mill-konvenuti *nomine*;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Li din is-sentenza hija biss limitata għall-kwistjoni unika li għadha pendenti bejn il-partijiet ċjoè jekk fuq is-somma reklamata fiċ-ċitazzjoni għandhomx jiddekorru l-imgħax u f'każ li dawn għandhom jiddekorru minn meta;

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet li l-kreditu in kwistjoni joriġina mis-sena 1947 meta kien ġie kostitwit favur l-awtur ta' l-attriċi u kontra s-soċjetà konvenuta; kif lanqas ma jidher li hemm kuntrast li dan il-kreditu kellu jitħallas lura x'ħin tkun tista' l-kumpannija debitriċi;

Fir-rigward ta' dan il-kreditu, però, il-konvenut Joseph Coleiro jgħid fl-affidavit tiegħu tat-23 ta' Frar, 1994 (fol. 230), li l-ftehim kien li ma kellhomx jiddekorru imgħax;

L-attriċi ma taqbilx ma' dan, iżda tissottometti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha li ankorke kien hemm dan il-ftehim espress li ma kellhomx jgħaddu l-imgħax, xorta waħda dawn l-imgħax jibdew jgħaddu u jsiru dovuti meta l-kreditu jsir dovut u jkun esiġibbli;

L-abbli difensur ta' l-attriċi jiċċita l-artikoli 1141 u 1078 tal-Kodiċi Ċivili in sostenn tat-teżi tiegħu li huma dovuti l-imgħax fuq il-kreditu *de quo*;

L-artikolu 1141 jesiġi li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta *kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet* għandhom jibdew jgħaddu *ipso jure*, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita;

L-artikolu 1078 jipprovdi hekk:

"Jekk iż-żmien għall-esekuzzjoni ta' *l-obbligazzjoni jkun* ġie mħolli fir-rieda tad-debitur, jew jekk ikun ġie miftiehem illi d-debitur għandu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista', *jew meta huwa jkollu l-mezzi biex jesegwiha, għandhom* jitħarsu r-regoli li ġejjin:

*(a) jekk l-obbligazzjoni għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas* ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentejn, jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax, jew fi żmien sitt snin jekk is-somma għandha *tingħata bl-imgħax;*

(b) *omissis*;

Bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur ta' l-attriċi, l-preċitati artikoli tal-liġi ma jissufragawx il-pretensjoni dwar l-imgħax;

Dak li evidentement qiegħed jintnesa hu li, fil-każ tal-kreditu *de quo*, il-ftehim jirriżulta li kien li ma kellhomx *jiddekorru l-imgħax. Hemm differenza kbira bejn l-eżistenza ta'* ftehim li m'għandhomx jiddekorru l-imgħax u sitwazzjoni fejn ma jingħad xejn dwar jekk għandhomx jiddekorru l-imgħax. Għalhekk, *l-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili kien isib* applikazzjoni kieku kien il-każ li dwar imgħax ma intqal xejn. Hawnhekk però għandna każ fejn l-interessi ġew espressament esklużi. *Kwindi, l-imgħaxijiet m'għandhomx* jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita fil-każ odjern;

Għalhekk għalkemm il-kreditu ta' l-attriċi sar esiġibbli fi żmien sentejn a tenur tal-preċitat artikolu 1078 tal-Kodiċi Ċivili, ma jistax jingħad li fuq dan il-kreditu beda jidekorri l-imgħax għaliex dawn kienu ġew espressament esklużi dakinhar tal-kostituzzjoni tal-kreditu";

Sewwa li l-konsiderazzjonijiet ta' *din il-Qorti jiġu stradati* fil-kwadru tas-segwenti dati li skond l-istess appellanti, huma rilevanti għad-determinazzjoni tal-kweżit jekk kellhomx jew le jiddekorru l-imgħax fuq l-ammont meritu ta' din iċ-ċitazzjoni - liema kweżit hu l-uniku wieħed li għad irid jiġi deċiż billi l-meritu ġie altrimenti kompost:

"1947 - *Data li fiha skond ix-xhieda ta' Joseph Coleiro is*-somma ta' Lm280,000 kellha tiġi apporzjonata bejn id-diversi azzjonisti bħala kont kurrent kull wieħed skond il-persentaġġ ta' azzjonijiet li kellu;

20 ta' Diċembru, 1962 - Data ta' ftehim soċjali għall-iskop tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà skond il-*Partnerships Act*;

5 ta' Mejju, 1971 - Data tal-mewt ta' Espedito Coleiro;

4 ta' Diċembru, 1976 - Data ta' avviż ta' likwidazzjoni ta' l-ishma ta' Espedito Coleiro fis-soċjetà konvenuta. Skond il-ftehim tas-soċjetà l-valur ta' dawk l-ishma kellhom jitħallsu in kwantu għal għoxrin fil-mija tagħhom fi żmien sena mill-avviż u in kwantu għar-rimanenti tmenin fil-mija fi żmien ħames snin mill-avviż;

31 ta' Diċembru, 1982 - ittra uffiċjali ta' Dr. S. Sant Cassia lis-soċjetà biex din *tillikwida l-pendenzi* tagħha (kopja annessa u mmarkata dokument A);

7 ta' April, 1983 - ittra ta' Dr. C. Mifsud Bonnici għall-istess skop;

*28 ta' Ottubru, 1983 - ittra ta' Dr. S. Sant Cassia għall-*istess skop;

14 ta' Novembru, 1986 - ittra ta' Dr. Ian Refalo għall-istess skop;

5 ta' Ottubru, 1987 - ittra ta' Dr. Ian Refalo għall-istess skop;

29 ta' Diċembru, 1989 - ittra uffiċjali għall-ħlas ta' l-ammont meritu ta' din il-kawża bl-imgħax mill-31 ta' Diċembru 1975 *(kopja annessa u mmarkata dokument B)*;

20 ta' Frar, 1991 - preżentata tal-preżenti ċitazzjoni";

Il-kontestazzjoni ta' l-appellanti hi li jekk wieħed japplika l-artikoli rilevanti tal-Kodiċi Ċivili, l-imgħax suppost bdew jiddekorru sentejn wara l-1947, u ċjoè wieħed kellu jassumi li l-azzjonisti kienu ħallew il-flus mingħajr imgħax f'idejn is-soċjetà għal żmien sentejn. Hija regola li fil-kummerċ jiddekorri l-imgħax fuq l-ammonti li jkunu dovuti. F'kull każ wieħed hekk bilfors jasal għall-konklużjoni li meta l-appellanti u wliedha taw avviż lis-soċjetà li ma riedux ikomplu iżjed f'dik is-soċjetà kif kellhom jedd jagħmlu skond l-atti kostituttivi tagħha, ma baqgħet tissussisti l-ebda raġuni għaliex ma kellhomx jiddekorru l-imgħax kif normalment isir fuq kull kreditu kummerċjali. Skond l-appellanti din id-data kienet l-4 ta' Diċembru, 1976, wara liema data kienu saru ż-żewġ ittri uffiċjali reġistrati aktar 'il fuq;

Din il-Qorti eżaminat il-materja legali nvoluta mill-fatti tal-kawża u ssib li ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-appellanti. Ukoll ma tistax taqbel għal kollox, in linea ta' massima, mal-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti u anke f'dan ir-rigward hemm il-konsiderazzjonijiet doverużi li hija sejra tagħmel. Din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Hu mportanti li jiġi qabel xejn determinat x'kienet li vera natura tas-self li fl-1947 kien sar mill-awtur ta' l-appellanti lis-soċjetà konvenuta u li minnu l-ammont minnha issa reklamat jifforma parti. Hu stabbilit li meta sar il-ftehim tal-31 ta' Jannar, 1947, ir-raġel ta' l-attriċi kien azzjonista tas-soċjetà konvenuta kif kienu ukoll il-kompetenti l-oħra bl-istess ftehim li bħalu saru kredituri fl-istess soċjetà meta kienu azzjonisti tagħha u dana f'ammonti li kienu jirrispekkjaw l-interess azzjonarju tagħhom;

Indubbjament irriżulta li d-debitu in kwistjoni kien jifforma parti oriġinarjament mill-profitti li l-kumpannija kienet għamlet qabel is-sena 1947 u li ma kinux ġew distribwiti lill-azzjonisti. Kienu *accumulated profits* li ġew konvertiti kif spiss isir f'*shareholder loans*. Dawn il-profitti allura ġew kapitalizzati u minflok li ġew reinvestiti bħala kapitali b'xi forma ta' ishma ġie deċiż illi l-kapital jitqiegħed għad-disposizzjoni tal-kumpannija f'forma ta' self, tant li nfetaħ *Loan Account* f'isem l-azzjonisti. L-azzjonisti kienu ftehmu u aċċettaw u hekk intrabtu mas-soċjetà li l-kreditu tagħhom "seta' jinġibed minn kull *shareholder* perjodikament imma in tali manjera li ma jaggravawx il-posizzjoni finanzjarja tad-ditta u dejjem bl-approvazzjoni tad-diretturi attwali ta' *Coleiro Brothers Ltd.*";

Il-konvenuti *nomine* jikkontendu illi ma kien hemm l-ebda ingħax pattwit fuq dan is-self u anzi jsostnu illi dawn ġew

speċifikatament esklużi. Jippretendu allura li hu applikabbli għal dan il-każ l-artikolu 1078 tal-Kodiċi *Ċivili ċċitat fis*-sentenza appellata u senjatament is-subinċiż (a) tiegħu li jiddisponi li jekk l-*obbligazzjoni* għandha bħala oġġett tagħha l-ħlas ta' somma ta' flus, dik għandha tiġi esegwita fi żmien sentej*n* jekk din is-somma għandha tingħata mingħajr imgħax kif jippretendu ħuma. Jekk għall-kuntrarju l-imgħax fuq is-somma miftehma kienu dovuti, allura d-dilazzjoni kienet ta' sitt *snin. Din il*-Qorti hi sodisfatta *illi* l-ftehim oriġinali kien *illi* ma kellhomx jiddekorru imgħaxijiet fuq is-self u li dan kien b'att ta' volontà espressa mill-azzjonisti u bħala *rifless tan-natura* tas-self bħala *shareholders' loans.* Mhux każ allura fejn il-ftehim ma kienx jipprovdi għall-ħlas ta' *imgħax;*

L-Ewwel Qorti, fis-sentenza *appellata, iddistingwit* bejn ftehim li m'għandhomx jiddekorru l-imgħax u sitwazzjoni fejn ma jingħad *xejn dwar jekk* għandhomx jiddekorru l-imgħax. Ikkunsidrat illi fil-każ taħt eżami l-interessi ġew espressament esklużi u allura l-imgħaxijiet ma kellhomx jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita. Il-Qorti qieset li għalkemm il-kreditu ta' l-attriċi sar fil-fehma tagħha esegwibbli *fi żmien sentejn a tenur ta' l-artikolu 1078 tal*-Kap. *16*, ma *jistax* jingħad li fuq dan il-kreditu bdew jiddekorru l-imgħax għax dawn ġew espressament esklużi dakinhar *tal-kostituzzjoni tad*-debitu. Din il-Qorti ma tistax taċċetta bħala għal kollox korretta din il-konsiderazzjoni. Waqt li hu minnu li l-imgħax ma kienx dovut fuq is-self mill-mument meta dan isir sakemm dan ikun skond il-liġi jew il-ftehim esiġibbli, ma jirriżulta xejn fil-ftehim ta' l-1947 li jista' b'xi mod jiġi nterpretat illi l-ebda imgħax ma kien ser ikun qatt dovut fuq dak is-self fis-sens li l-interessati kienu qegħdin jirrinunzjaw għall-imgħax anke meta *l-ħlas lura* ikun skond il-liġi dovut. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel *ma' l-aggravju ta'* l-appellanti *illi* l-*esklużjjoni tad-dekors ta'* l-imgħax ma setgħetx tiġi ntiża bħala li tapplika għall-perijodu meta l-obbligazzjoni saret skond *il-liġi jew il-ftehim* dovuta. L-

appellanti jissottomettu illi meta l-obbligazzjoni saret dovuta, allura *jiddekorri l-imgħax skond il-liġi*. Dan *mill-banda l-oħra* hu korrett biss sa *ċertu* punt, għaliex kif hu risaput, il-liġi f'ċerti ċirkostanzi tesiġi l-interpellazzjoni formali biex id-debitur jitpoġġa in mora u kien f'dan *il-każ u meta* dan javvera ruħu li l-interessi jibdew jiddekorru. Dan jista' ukoll ikun, f'ċerti ċirkostanzi, meħtieġ fejn id-debitu hu wieħed *kummerċjali*, u dan b'deroga għall-prinċipju ġenerali li f'materja ta' dejn *kummerċjali l-imgħax jibdew jiddekorru mid-data meta d-*debitu jkun *dovut u esiġibbli;*

Il-punt li jrid *verament* jiġi *deċiż* hu *meta dan id-debitu* jista' *jingħad li sar* dovut u esiġibbli. Din il-Qorti ma taqbilx li dan hu debitu li ż-żmien għall-esekuzzjoni tiegħu kien *imħolli* biss u esklussivament *fir-rieda* tad-debitur, jew li kien ġie miftiehem illi d-debitur kellu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista' jew meta jkollu l-mezzi biex jesegwiha. Hi nfatti għal kollox kontradetta mill-provi u mill-komportament ta' l-azzjonisti *nfushom* li esegwew *il-ftehim tas-self l-allegazzjoni* illi x-*shareholders* kellhom xi ntiża li huma setgħa jesiġu l-ħlas lura tal-kreditu tagħhom appena jagħlqu s-sentejn mid-data ta' dak il-ftehim kif qiegħda issa *tippretendi* l-appellanti. Għall-kuntrarju jidher sodisfaċentement assodat li l-ftehim kien li dawn ix-*shareholders' loans* kellhom *jibqgħu* għad-disposizzjoni ta-soċjetà ċertament sakemm il-mutwant jibqa' azzjonista u dana fl-interess soċjali. Lanqas *jidher li sar ftehim* li l-kreditur kellu *jiġi mħallas* lura f'kull każ u fl-eventwalità li bħala mutwant, ma jibqax soċju. Din il-Qorti tifhem però illi meta u jekk tavvera ruħha din iċ-ċirkostanza, tkun ġiet mankanti l-kawża tas-self u jidħol allura in ballo l-prinċipju illi s-soċjetà *ma* kellha l-ebda jedd li tarrekkixxi ruħha a *skapitu ta' min ma* jkunx għad għandu nteress azzjonarju fiha billi tutillizza self li ngħata lilha u tpoġġa għad-disposizzjoni tagħha *mill-kreditur* fil-vesti ta' azzjonista. *Id-debitu* kellu allura jintradd lura jekk is-soċjetà tiġi hekk mitluba li tagħmel minn min qabel kien

soċju tagħha u sakemm dan isir kellu, minn dak iż-żmien u b'effett minn meta ssir l-interpellazzjoni ġudizzjarja meħtieġa, jiddekorri l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv;

Din il-Qorti lanqas tista' taqbel illi s-self kien magħmul b'mod li r-restituzzjoni tiegħu bħala biss fir-rieda tad-debitur, jew li kien miftiehem illi d-debitur kellu jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista' jew meta jkollu l-mezzi biex iħallas. Infatti, minn dak fuq irrilevat, hu ċar illi s-self: (1) kellu, jew almenu seta' jibqa' fl-assi soċjali sakemm ma jinġibidx minn kull *shareholder* perjodikament. Ma kien hemm allura l-ebda obbligu ta' restituzzjoni sakemm ma jkunx hemm talba da parti ta' l-azzjonista biex dan id-dejn jiġi in parti rifuż; (2) li tali talba setgħet tintlaqa' in tali mod u manjiera li ma tkunx taggrava l-posizzjoni finanzjarja tas-soċjetà. Din il-kondizzjoni ma tfissirx l-istess bħal meta d-debitur seta' jesegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista' jew meta jkollu l-mezzi biex jesegwiha. L-aggravament tal-posizzjoni finanzjarja tad-ditta hu konċett ferm aktar wiesgħa mill-fatt jekk din kellhiex jew le likwidità li tipprovdi l-mezzi lis-soċjetà biex tħallas. Ċertament ma tfissirx li s-soċjetà debitriċi kellha biss l-obbligu li tħallas "meta setgħet". Il-ftehim ta' l-1947 jipprovdi kriterju preċiż u oġġettiv meta u jekk l-azzjonista seta' jiġbed mill-kont kurrent tiegħu, kriterju li kien suġġett għall-verifika u kontroll - f'każ ta' kontestazzjoni anke ġudizzjarja - li tikkontrasta r-rifjut tad-diretturi ta' Coleiro Bros. Ltd. li japprovaw il-ġbid ta' flus minn dak il-kont;

Din il-Qorti allura ma tqisx li l-artikolu 1078 hu preċiżament applikabbli għall-każ taħt eżami. Il-Qorti tqis għall-kuntrarju illi: (1) il-ftehim kien li ma jiddekorrux imgħax fuq il-*loan account*; (2) li sakemm il-*loan account* baqa' jiġi utilizzat mis-soċjetà fiż-żmien meta l-mutwant azzjonista kien jużufruwixxi mill-impjieg tal-kreditu tiegħu l-assi tas-soċjetà ma kellhomx jiddekorru imgħax; (3) li l-*loan account* kien

*marbut* u dipendenti mal-kwalità tal-mutwant bħala soċju u mal-parteċipazzjoni ta' l-azzjonista fl-interess soċjali u *li allura* dan kellu d-dritt *li* jesiġi lura l-ħlas tal-kreditu tiegħu appena ma jibqax imsieħeb fis-soċjetà, anke jekk f'dan ir-rigward ma jirriżula l-ebda ftehim *espress* dwar il-ħlas lura u f'kull każ kien f'dawn iċ-ċirkostanzi dovut l-imgħax;

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula din il-Qorti *żżid:*

Li r-regola tad-Dritt Ċivili illi fis-self mhux dovut imgħax kemm-il darba ma jkunx *miftiehem hi* applikabbli anke għal self kummerċjali. Meta l-imgħax mhux miftiehem, dan jibda jiddekorri minn meta l-kreditur jinterpella *d-debitur* għall-ħlas (Vol. XIV, p. 405; **Falzon *vs* Massa** - Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Frar, 1942, ikkonfermata minn din *il-Qorti fil-15 ta' Ġunju,* 1942). Dan sakemm ma jkunux jirriżultaw ċirkostanzi li *jiddeterminaw* il-ġurnata *li* fiha *l-obbligazzjoni kellha tiġi* esegwita *u* allura d-debitur ikun in mora;

Li l-ftehim ta' *l-1947* ma *stabbilixxa* l-ebda żmien li fih il-kreditur kellu jiġi mħallas lura. Kien inerenti f'dak il-ftehim li s-soċjetà setgħet tibqa' f'ċerti *determinati* ċirkostanzi tużufruwixxi mil-*loan account* sakemm il-mutwant jibqa' soċju. Dan ifisser illi dak li qabel kien azzjonista seta' *jesiġi, jekk ried,* il-ħlas lura meta ma jibqax soċju. Azzjoni fakoltattiva in kwantu l-ftehim *ma kien* jipprovdi għal ebda *terminu* meta *kellu jsir il-*ħlas lura. Jekk il-ftehim ma jkun ġie stabbilit ebda żmien biex tiġi sodisfatta l-obbligazzjoni, id-debitur ma jiġix mqiegħed in mora ħlief wara li jiġi msejjaħ b'att ġudizzjarju;

L-obbligazzjoni tal-ħlas lura tad-debitur ma kinitx allura esegwibbli immedjatament, in kwanu kienet esiġibbli għall-massimu meta l-kreditur ma jkunx baqa' *azzjonista fis-soċjetà.*

Lanqas ma kienet esegwibbli appena tavvera ruħha din iċ-ċirkostanza għaliex *il-kreditur* seta' jagħżel li jħalli l-kreditu tiegħu f'idejn *is-soċjetà* għal raġunijiet li kienu jinteressawh. Hekk per *eżempju* s-soċju jista' jkollu kull interess li ma jdajjifx il-kapital li bih is-soċjetà tkun qed taħdem wara li hu ma jibqax aktar azzjonista biex jippermetti lis-soċjetà tkun f'posizzjoni li tħallsu ta' sehemu kif stmat meta ġie llikwidat. Il-kreditu allura jista' jsir esiġibbli appena l-kreditur, mhux aktar azzjonista, jirreklama dak li kien lilu dovut u jitlob il-pagament tiegħu. Kien allura minn meta s-soċjetà konvenuta baqgħet *inadempjenti wara li ġiet interpellata li tħallas, li l-imgħax bdew* jiddekorru fuq ammont li kien dovut u esiġibbli mill-kreditur. Dan għaliex il-kreditu sar esiġibbli u esegwibbli mmedjatament appena s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata biex tħallas. Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma jidhirx applikabbli l-insenjament fil-ġurisprudenza u dottrina fir-rigward ta' obbligazzjoni li ma tkunx esegwibbli mmedjatament u li jirritjenu li l-kreditur jiżbalja meta jassenja lid-debitur żmien minn *rajh minflok ma jadixxi* lill-Qorti biex tiffissa ż-żmien meta dan kellu jitħallas lura (Vol. XXIV, pt. I, p. 119; Vol. XXXII, pt. II, p. 533; **Spiridione Portelli *vs* Dottor Vincenzo Tabone M.D. *et noe***, deċiża mill-Prim'Awla fit-18 ta' Awissu, 1965);

Mill-atti jirriżulta li fl-ewwel interpellazzjoni preċiża permezz ta' ittra uffiċjali għall-ħlas ta' l-ammont meritu ta' din il-kawża, saret fid-29 ta' Diċembru, 1989. Interpellazzjonijiet li saru qabel, inkluża dik l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Diċembru, 1982, kienu jirrigwardaw il-likwidazzjoni tal-pendenzi bejn l-attriċi u *s-soċjetà konvenuta* fir-rigward tal-ħlas ta' l-ammont li kien *jirrappreżenta* sehemha mill-pakkett azzjonarju tas-soċjetà konvenuta u mill-interess tagħha fl-assi soċjali. Kien biss fl-interpellazzjoni tad-29 ta' Diċembru, 1989, illi l-attriċi esiġiet u talbet il-ħlas tal-bilanċ ta' self lilha dovut, anke jekk b'dik l-ittra uffiċjali hi ppretendiet l-imgħax sa mill-31 ta' Diċembru,

1975. Fil-fehma ta' din il-Qorti u minn dik id-data u ċjoè min-notifika ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Diċembru, 1989, illi għandu jibda jiddekorri l-imgħax fuq is-somma ta' self li l-istess soċjetà konvenuta rrikonoxxiet li kien dovut lill-attriċi tant illi l-kapital ġie minnha mħallas. Dan l-imgħax hu dovut minn dik id-data sad-data meta, fil-mori ta' din il-kawża tħallas il-bilanċ tas-*self dovut lill-attriċi skond l-iskrittura ta' l-1947 fuq ċitata;*

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi parzjalment milqugħ u s-sentenza *appellata rrevokata.* Dan billi l-Qorti tiddeċidi illi hu dovut l-imgħax fuq il-kapital ta' self irreklamat mit-talbiet attriċi f'din l-istanza (li hu rikonoxxut mis-soċjetà konvenuta bil-pagament fil-mori ta' dawn il-proċeduri) mid-data tan-*notifika ta' l-ittra uffiċjali tad-29 ta' Diċembru, 1989 sad-data* meta effettivament tħallas il-bilanċ tal-kapital tas-self. Konsegwentement, din il-Qorti qed tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-appellanti l-ammont li hekk jirriżulta, liema ammont jekk hekk meħtieġ, għandu jiġi llikwidat mill-Qorti ta' Prim'Istanza wara rikors opportun għar-riappuntament tal-kawża stante li din kienet minn dik il-Qorti tħalliet *sine die* pendenti l-eżitu ta' dan l-*appell;*

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għandhom jibqgħu kif ġà mill-Ewwel Qorti deċiżi u dawk ta' dan l-appell għandhom fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa u bir-reġistru jitħallas mis-soċjetà appellata.